

Brussell, 29 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14215/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0272(NLE)

TRANS 695
COWEB 159
ELARG 88

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 13740/21	
Nru dok. Cion: 11275/21 + ADD 1	
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022 – Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport UE-Balkani tal-Punent, fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022.
2. L-adozzjoni tal-baġit annwali 2022 mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali hija meħtieġa biex titwettaq l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport, inkluż il-funzjonament ta' sede tas-Segretarjat Permanenti f'Belgrad. Il-Kummissjoni pproponiet ammont globali ta' EUR 3 002 105, li EUR 2 859 148 minnhom huma krediti ġodda. L-ammont finali ser iqis l-approprijazzjonijiet riportati mill-2021¹. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-baġit tammonta għal 80 %.

¹ Nota: Il-baġit ta' din is-sena fih ammont riportat ta' EUR 180 000.

3. B'mod aktar speċifiku, l-ammont globali tal-baġit propost għall-2022 huwa kważi ugħali għal dak għall-2021 (EUR 3 000 000 li ma jkissux ir-riporti) u jista' jiġi spjegat fid-dettall kif ġej: EUR 1 504 868 (+ 2.7 %)² huma previsti għall-ispejjeż tal-persunal, EUR 156 910 (- 9.1 %) għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, EUR 481. 300 (+ 58.8 %) għat-tagħmir tal-uffiċċju u l-għamara, EUR 274 710 (+ 11 %) għall-ispejjeż operattivi tas-Segretarjat, EUR 220 000 (- 45 %) huma allokat i għal studji u assistenza teknika, u EUR 221 360 (+ 14.5 %) għall-organizzazzjoni tad-diversi korpi tal-Komunità tat-Trasport. EUR 142 957 (5 % ta' krediti ġodda) jiġu allokat i għal riżerva.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks eżamina l-proposta fis-7 ta' Settembru u fit-22 ta' Novembru 2021. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni spjega li l-baġit propost ser jkun it-tieni baġit approvat skont il-proċeduri regolari. Jipprevedi kontinwità, meta mqabbel mal-2021, f'termini ta' nomenklatura u ammont totali. Bi tweġiba għat-talbiet mid-delegazzjonijiet għal informazzjoni supplimentari ġiet provduta informazzjoni dwar pjan ta' stabbiliment, konsum tal-baġit u tqabbil tal-baġit³. Bejn il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma, l-abbozz ta' baġit ġie ppreżentat lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport għal diskussjoni fil-21 ta' Ottubru 2021, u ġie milqugħ. Peress li f'din il-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ġew ukoll skambjati fehmiet dwar bidliet futuri possibbli għar-regoli tal-persunal li jista' jkollhom impatt fuq il-baġit, xi delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma esprimew il-fehmiet inizjali tagħhom dwar din il-kwistjoni.
5. Għat-tieni laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza ppreżentat abbozz rivedut, li fil-biċċa l-kbira jieħu kont tat-talbiet għal ċerti korrezzjonijiet⁴. Wara l-eżami, il-Presidenza kkonkludiet li l-proposta kienet matura biex tiġi ppreżentata għal deċiżjoni, bi skadenza għall-kummenti finali sal-24 ta' Novembru 2021. L-ebda delegazzjoni ma talbet li terġa' lura fil-Grupp ta' Ħidma.
6. Fid-dawl ta' dan, huwa ssuġġerit, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-pożizzjoni tal-UE kif tinsab, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokumenti ST 14005/21 u ST 14006/21⁵.

² Informazzjoni li tippermetti t-tqabbil ġiet ipprovduta permezz ta' WK 10747/2021 REV 1.

³ Ara ST 13573/21 u WK 10747/2021 REV 1.

⁴ ST 13740/21.

⁵ Nota: id-dokumenti għal adozzjoni ser ikunu disponibbli fit-3 ta' Diċembru 2021.

7. La darba tiġi addottata, id-deċiżjoni tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u l-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarha.
-